30 ta' Marzu 2021

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-5 APR 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**

**tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/2093/20* |
| *Proposta:* | To sanction additions to a pre-1978 building to be used as stables and animal rooms, to sanction a pre-1978 agricultural store and to construct a new agricultural store. |
| *Post:* | Site at, Triq ta' Kieles, Triq it-Timu, Triq l-Awrekarja, Triq Giorgio Locano and, Triq Carmelo Pace, Iklin |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Rikors ta' l-appell ta' Nazju Debono mid-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020 giet sottomessa din l-applikazzjoni.

II) Illi permezz ta decizjoni mehuda mill-Awtorita ta' l-Ippjanar u ppublikata fit- 3 ta' Marzu 2021, cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi apellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej:

1. Illi certament li il-genwinita ta' dina l-applikazzjoni kellha timghata konsiderazzjoni ulterjuri minn dik moghtija fil-kors ta' l-applikazzjoni.
2. Illi il-binja ezistenti fuq is-sit u l-uzu taghha bhala barumbara gie kompletament injorat fl-iprocessar ta' l-applikazzjoni. Certament illi wiehed jinnota l-applikazzjoni ta' l-RPDG u huwa car li l-RPDG kien qieghed jikkonsidra sitwazzjonijiet ferm differenti minn dawk odjerni. L-uzu ta' din il-baraumbara ghaz-zamma ta' annimali, minkejja li mhux fuq skala kummercjali, kellu jinghata konsiderazzjoni ad hoc stante li l-istess baraumbara ilha tezisti u minn dejem kienet intiza ghaz-zamma ta' l-annimali.
3. Illi kien ikun izjed opportun li kieku l-applikant inghata il-possibilita li jaghmel certu tibdiliet milli l-istess applikazzjoni tigi rifjutata daqs li kieku l-applikant kien qieghed jipproponi xi zvilupp ta' strutturi ghaz-zamma ta' l-annimali mil-gdid.

4. Illi del resto il-proposta in kwistjoni hija kompletament in linea mal-policies vigenti u b' hekk ghandha tigi approvata.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta'l-aplikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut kont ta'dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**Lista ta' xhieda:**

Konsulenti interni u esterni ta' l-Awtorita kif ukoll ufficjali ta' l-istess sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u kazijiet simili, kif ukoll dwar il-policies vigenti.

**Av. Ian J. Stafrace**

**9/4 Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**